



**OPINJONI NRU 02/2009**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI**

**tal-11 ta' Novembru 2009**

**dwar Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

*'Tiswijiet u tibdil fid-disinn fl-Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew - ETSO)*

## I. Ġenerali

1. L-iskop ta' din l-opinjoni huwa li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni sabiex temenda l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem Parti-21) u b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet relatati mad-disinn, it-tiswijiet u l-Awtorizzazzjoni tal-Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew (ETSO) relatata mat-tiswija ta' unitajiet ta' qawwa awżiljarja (APU).
2. L-Opinjoni ġiet adottata, skont il-proċedura speċifikata mill-Bord ta' Tmexxija<sup>2</sup> tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija), f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>3</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament Bażiku).

## II. Konsultazzjoni

3. L-Avviż tal-Emenda Proposta (NPA) 2008-12<sup>4</sup> li kien fih l-abbozz tal-opinjoni għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda Parti-21 ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fid-19 ta' Mejju 2008.
4. Sad-data tal-għeluq tad-19 ta' Awwissu 2008, l-Aġenzija kienet irċeviet 62 kumment minn 23 awtorità tal-avjazzjoni nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
5. Il-kummenti kollha li waslu ġew rikonoxxuti u inkorporati f'Dokument ta' Rispons ta' Kummenti (*Comment Response Document - CRD*), li ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fit-30 ta' April 2009. Dan is-CRD fih lista tal-persuni u/jew l-organizzazzjonijiet kollha li pprovdew kummenti u t-tweġibiet tal-Aġenzija.
6. NPA 2008-12 kien fih żewġ proposti differenti għall-emenda tal-Parti-21 relatata mal-ETSO. L-ewwel proposta kienet li jiġu permissi tibdiliet jew tiswijiet minuri ta' oġġett tal-ETSO minn persuni oħrajn minbarra d-detentur tal-Awtorizzazzjoni tal-ETSO. Fir-rekwiżiti attwali, id-detentur tal-Awtorizzazzjoni tal-ETSO biss huwa intitolat li jagħmel tibdiliet minuri fl-ETSO. L-emenda proposta l-oħra taċċetta tiswijiet ta' APUs skont il-Parti-21 Subparti M.
7. Abbażi tal-kummenti li waslu matul il-konsultazzjoni, l-Aġenzija kkonkludiet li l-ewwel proposta li jiġi tibdiliet jew tiswijiet minuri ta' oġġett tal-ETSO ma toħloqx il-flessibilità mitluba. Għaldaqstant, l-Aġenzija ddeċidiet li tirtira din il-parti tal-NPA. Din id-deċiżjoni kienet riflessa fis-CRD. Ma kienx hemm kummenti sinifikanti kontra l-proposta li jiġu aċċettati tiswijiet ta' APUs skont is-Subparti M. Kif rifless fis-CRD din il-proposta hija miżmuma u mwettqa f'din l-opinjoni.
8. Sad-29 ta' Ġunju 2009 ma waslet l-ebda reazzjoni sinifikanti għas-CRD.

<sup>1</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1057/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 30).

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija rigward il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

<sup>3</sup> Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1)

<sup>4</sup> Ara l-Arkivji dwar it-Tfassil tar-Regoli fuq [http://www.easa.europa.eu/ws\\_prod/r/r\\_archives.php](http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php).

**III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija**

9. Din l-opinjoni tipproponi li temenda Parti-21, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mat-tiswija ta' APUs. Il-kontenut ta' dawn l-emendi huwa spjegat hawn taħt.
10. Skont ir-rekwiżit attwali, 21A.431(d) Subparti M – "Tiswijiet", m'hijiex applikabbli għal oġġett tal-ETSO. Minflok, tiswija ta' APU teħtieġ li tkun approvata skont id-dispożizzjonijiet proċedurali għal tibdiliet fid-disinn tas-Subparti D (tibdiliet minuri) jew is-Subparti E (tibdiliet maġġuri). F'konformità mal-Parti 21A.604(b), l-użu tal-proċess tas-Subparti E għal tiswijiet maġġuri fuq APUs twassal għal awtorizzazzjoni separata tal-ETSO. Dan huwa meqjus imprattikabbli ħafna, b'mod speċjali meta wieħed iqis il-fatt li d-disinjatur tat-tiswija jsir responsabbli għal kollox mid-disinn tal-APU sħiħ.
11. Il-kunċett u l-kumplessità tal-APUs jixbħu lil dawk tal-magni tal-ajruplani u f'ċerti każijiet id-disinni huma saħansitra meħudin minn disinni tal-magni. Huwa għalhekk meqjus aktar konsistenti li s-Subparti M għat-tiswijiet tkun tapplika wkoll għall-APU f'konformità mat-tiswijiet fil-magni. Ir-restrizzjoni fis-Subparti M għal ETSO li huma APUs għaldaqstant titneħħa u d-dispożizzjonijiet għal tiswijiet ta' APUs fis-Subparti O jiġu emendati.

**IV. Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju**

12. Il-bidla fil-proċess għat-tiswija ta' APUs mis-Subparti D jew E għas-Subparti M għandu jkollha effett ekonomiku pożittiv minħabba li din tneħħi l-piż amministrattiv għal awtorizzazzjoni ġdida tal-ETSO. Dan il-proċess huwa aktar konsistenti ma' tiswijiet ta' magni.

Cologne, 11 ta' Novembru 2009

P. GOUDOU  
Direttur Eżekuttiv